Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 338/2013

**Joseph Bajada**

**Vs**

**Joseph Caruana bhala editur tal-gazzetta l-Orrizont**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju 2016.

L-attur appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Mejju 2015 li biha giet michuda t-talba tal-attur sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas danni ghal malafama (Artikolu 28 tal-Kap. 248) wara l-pubblikazzjoni ta' ittra fil-gazzetta l-Orrizont tat-3 ta' Settembru 2013 bit-titlu 'Morna l-Bahar'. L-aggravju tal-appellant hu:

1. L-appellant ta prova li l-ittra kienet qeghda tirreferi ghalih u qarrejja identifikaw lilu.
2. Saret il-prova ta' malafama.

Il-konvenut wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:-

*"Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadju, ma tosservax b'certa dizappunt illi fil-kawza odjerna, l-unika prova illi ressaq r-rikorrent kien huwa stess, u dana permezz ta' l-affidavit tieghu, li imbghad gie kkonfermat u mizjud mieghu f'xhieda sussegwenti.*

*Ma tressqet ebda prova ta' persuna ohra, ghajr ghar-rikorrent, illi seta jasal ghall-konkluzjoni illi l-ittra kienet attwalment indirizzata lir-rikorrent, u ix-xhieda tar-rikorrent certament ma tistax titqies bhala sufficjenti f'proceduri ta' libell.*

*Il-Qorti, apparti hekk, ma tistax ma tosservax illi l-artikolu jaghmel referenza ghal "taqsima tal-bajjiet f'Ghawdex" u, mix-xhieda tar-rikorrenti, imkien ma qatt ma xi tip ta' indikazzjoni illi b'xi mod kien konness ma' tali taqsima.*

*Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-provi prodotti quddiemha huma superficjali wisq u certament bl-ebda mod ma jistghu jwasslu ghall konvinciment morali illi l-ittra illi dwarha jilmenta r-rikorrent, kienet attwalment indirizzata lejn ir-rikorrent. Ghalhekk, ladarba l-element ta' l-identifikazzjoni, illi huwa element kardinali fil-proceduri ta' libell, ma giex ippruvat, l-azzjoni odjerna ma gietx ippruvata.*

*Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ma huwiex korrett illi proceduri ta' libell, li huma proceduri odjuzi minnhom innifishom u intizi unikament sabiex jillimitaw, minnhom innifishom, il-liberta' ta' l-espressjoni u dana sabiex jipprotegu r-reputazzjoni ta' persuna ghandhom jigu trattati b'mod legger u minghajr preparazzjoni, u il-Qorti tippretendi li meta persuna ihossu libellat, huwa*

*ghandu jaghmlu l-ghalmu tieghu sabiex jipprova l-kaz tieghu 'l hinn minn kull dubju, u mhux jibbazah unikament fuq ix-xhieda tieghu biss."*

L-ittra, pubblikata fit-3 ta' Settembru 2013, titratta dwar il-mod kif kien qieghed jitmexxa c-Civil f'Ghawdex b'enfazi fuq *'t-taqsima tal-bajjiet f'Ghawdex'*. L-awtur, mhux identifikat, kiteb:

*"2. Din il-persuna li tpoggiet biex tmexxi dan id-dipartiment hija l-istess persuna li ssemmiet minn inewsmalta.com, li aktar mohha fis-supermarkits u fl-agenzija taghha milli mix-xoghol tac-Civil ?*

*3.Din hi l-istess persuna li fil-passat giet investigata mid-Dipartiment tad-Drenagg (fejn kien immexxi bi frodi) ?""*

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. L-attur xehed: *"Darba fost ohrajn, madwar is-6 ta' Settembru 2013 gew fuqhi xi nies tal-lokal, hbieb tieghi, u staqsewni jekk rajtx u qrajtx l-Orrizont tat-3 ta' Settembru 2013 ghax kien hemm artikolu dwari. Dawn qaluli: "taf x'kitbu fuqhek ?" jien inkwetajt fuq hekk u mort nixtri l-Gazzetta tat-3 ta' Settembru".* L-attur m'identifikax min kienu l-persuni li qal li kellmuh. Kompla jixhed: *".... Ghawdex kollha setghet tifhem li din l-ittra kienet indirizzata lejja u kienet qed takkuzani b'reati serji."* Il-qorti kienet tistenna li l-attur iressaq xhieda li jikkonfermaw dak li qal. Pero l-uniku xhud li xehed kien l-attur stess.

2. Fl-ittra l-attur ma jissemmiex b'ismu.

3. Ma saritx prova li fiz-zmien li giet pubblikata l-ittra, f'Ghawdex kien hemm Dipartiment responsabbli mill-bajjiet f'Ghawdex li l-attur kien il-kap tieghu. L-attur qal biss li jahdem bhala *senior engineer* mal-Gvern mat-Taqsima Ndafa Pubblika (*Cleansing Services*) fil-Ministeru ghal Ghawdex u li ilu jokkupa tali kariga sa mis-sena 2006. Fir-rikors tal-appell qal li: *"fil-prezent imexxi d-dipartiment tal-bajjiet f'Ghawdex"*. Prova li pero' ma saritx. Dak li jigi ddikjarat f'rikors ta' appell m'huwiex prova. Il-qorti fehemet li l-attur ilu mis-sena 2006 jokkupa l-kariga li ghandu fil-Ministeru ghal Ghawdex. Jidher li l-ittra pubblikata fit-3 ta' Settembru 2013, kienet qeghda tirreferi ghall-persuna li kienet ghadha kif tpoggiet biex tmexxi d-dipartiment responsabbli mill-bajjiet f'Ghawdex[1], u li m'hemmx prova li kien l-attur. Ma jirrizultax li l-attur kien f'dawk iz-zmenijiet inghata xi nkarigu jew dmirijiet godda jew differenti minn dawk li kellu sa mis-sena 2006.

4. Fl-affidavit l-attur qal: *"Jiena mill-ewwel fhimt li din l-ittra kienet indirizzata lejja ghaliex (a) ghamilt hmistax-il sena immexxi d-Dipartiment tad-Drenagg f'Ghawdex; (b) u jiena ghandi proprjeta li nikri lil tal-Lighthouse Supermarket."* Fl-ittra ma jissemmiex il-kap tad-dipartiment tad-drenagg izda biss ghal persuna li fil-passat *".... giet investigata mid-Dipartiment tad-*

[1] Tant hu hekk li fl-ittra jinghad: *"4. Ghaliex gew imwarrbin nies li hadmu tajjeb hafna f'din it-taqsima f'dawn l-ahhar snin ?"* Kliem li jaghti lill-qorti x'tifhem li l-awtur kien qieghed jirreferi ghal tibdil li kien qieghed isir fil-perjodu li giet pubblikata l-ittra.

*Drenagg"*. M'hemm l-ebda riferenza ghaz-zmien li fih saret din is-suppost investigazzjoni.

5. Fl-ittra jissemma wkoll li l-persuna kkoncernata ghandha agenzija minghajr, ma jissemma x'inhi l-agenzija. L-attur ma xehedx li ghandu agenzija. Ghalkemm jissemma wkoll li l-persuna kkoncernata *"aktar mohha fis-supermarkits"*, l-attur qal li l-uniku konnessjoni li ghandu l-attur ma' supermarket hu li bhala sid jikri bini li jintuza mill-inkwilin bhala supermarket. Ghalhekk il-qorti ma tarax konnessjoni bejn it-tnejn.

6. Hu veru li sabiex issir malafama m'hemmx ghalfejn li persuna tissemma b'isimha, pero' fil-kaz in ezami l-qorti ma tarax kif l-ewwel qorti setghet tasal ghal xi konkluzjoni differenti.

Gialadarba jfalli l-ewwel aggravju, m'hemmx lok li l-qorti tikkunsidra l-aggravju l-iehor dwar jekk il-kontenut tal-ittra huwiex malafamanti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.